MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2011

Rikors Numru. 1055/2008/1

**Lovers Transportainment B.V.**

**Vs**

**George Smith u Gladys Smith f'isimhom proprio u bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' G.S. Specialist Vehicles Limited**

B'sentenza li nghatat fil-25 ta' Jannar 2011 fil-kawza numru 1055/2008 fl-ismijiet **Lovers Transportainment B.V vs George Smith et**, il-qorti waqfet is-smiegh tal-kawza peress li kien hemm patt ta' arbitragg bejn il-partijiet.

Il-kumpannija attrici pprezentat rikors fit-28 ta' Jannar 2011 li permezz tieghu qeghda titlob ir-revoka ta' dik id-decizjoni skond l-Artikolu 229(4) tal-Kap. 12 billi

tikkonsidra mill-gdid id-decizjoni taghha. It-talba hi bazata fuq:-

i. Il-fatt li ma kien hemm l-ebda eccezzjoni li l-kawza ghandha tieqaf minhabba li hemm patt ta’ arbitragg fil-ftehim li ffirmaw il-kontendenti;

ii. Il-klawzola ta’ arbitragg tapplika biss bejn l-attrici u l-kumpannija G.S. Specialist Vehicles Limited.

iii. Il-klawzola ta’ arbitragg ma taghmilx sens, in kwantu ma tispecifika liema ligi internazzjonali ghandha tigi applikata u quddiem liema forum internazzjonali ghandu jsir l-arbitragg.

Il-konvenuti pprezentaw twegiba fil-21 ta’ Marzu 2011.

Fis-seduta tat-2 ta’ Gunju 2011 il-qorti semghet sottomissjonijiet mid-difensuri.
Fil-fehma tal-qorti l-Artikolu 229 tal-Kap. 12 ma japplika fil-kaz odjern, meqjus li:-

i. Fil-25 ta’ Jannar 2011 il-qorti tat sentenza u mhux digriet interlokutorju;

ii. F’dik is-sentenza l-qorti filwaqt li cahdet l-eccezzjoni li l-attrici m’ghandix *locus standi*, ikkonkludiet li bejn il-kontendenti kien hemm ftehim ta’ arbitragg u ***“... il-patt ta’ arbitragg ghandu jinghata effett bejn il-partijiet.”***[1]. Din id-dikjarazzjoni ma tikkwalifikax bhala digriet interlokutorju.

iii. Gialadarba l-qorti ddecidiet li l-ftehim ta’ arbitragg kontemplat fil-kuntratti ta’ bejgh u xiri tal-25 ta’ Gunju 2007 u 19 ta’ Novembru 2007 kellu jinghata effett, fl-istess sentenza ghaddiet biex tordna l-waqfien tal-procediment skond ma jipprovdi l-Artikolu 742(3) tal-Kap. 12[2].

Id-dikjarazzjoni tal-qorti li l-ftehim ta’ arbitragg ghandu japplika, m’huwiex digriet interlokutorju imma sentenza tal-qorti. Decizjoni li ma tistax tinbidel jekk mhux b’sentenza tal-Qorti tal-Appell. Gialadarba l-qorti waslet ghal dik il-konkluzjoni, f’dawk ic-cirkostanzi ma kellix ghazla ohra ghajr li tapplika dak li jipprovdi l-Artikolu

*[1] Pagna 4 tas-sentenza.*
*[2] Dan il-provvediment jipprovdi li l-qorti “**ghandha** twaqqaf il-procedimenti......”.*

742(3) tal-Kap. 12 u m'hemmx lok li l-qorti tvarja l-ordni ta' waqfien tal-procediment. Dan ovvjament bla pregudizzju ghal kwalsiasi ordni jew direttiva ohra li tista' taghti din il-qorti ai termini tal-istess provvediment.

**Ghal din ir-raguni tichad it-talba ta' Lovers Transportainment B.V. bl-ispejjez kontra taghha**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------